MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2008

Numru 1302/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**vs**

**Joseph Scerri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Scerr1, 39 sena, bin Joseph u Mary nee’ Azzopardi, imwieled Attard fl-24 ta’ Frar, Ottubru, 1968 u li joqghod no.48, Triq San Luqa, Bugibba, San Pawl il-Bahar detentur ta’ karta ta’ identita’ nru. 169168M gie akkuzat talli:

Matul ix-xahar ta’ April 2006 u fil-gimghat ta’ qabel, f’ diversi bnadi f’ dawn il-gzejjer, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq, jew akkwistati b’ reat sew dan sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li kien indahal sabiex ibieghhom jew

imexxihom, u cioe' laqa' ghandu mobile phone u ta' l-ghamla Sagem MX2-2 li huwa proprjeta ta' Carolina Brinkhagen

Talli kiser il-provvediment tal-Probation a tenur ta' l-Artikoli 7 u 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati, b' sentenza tal-Qorti ta' l-Appell datata 12 ta' Mejju, 2004, u liberat bil-kundizzjoni kontemplati fl-istess Artikolu;
Fl-ahharnett akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' sentenzi moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali li jinsab a fol. 15 tal-Process (Dok AP 3) u nnutat li l-imputat m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta' l-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fil-verbal tas-seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur u Dr Mark Busuttil Avukat ta' l-Ghajnuna Legali ta' l-imputat b' referenza ghall-akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni, iddikjaraw li jaqblu li l-haga gejja minn serq.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li l-oggett konsistenti f' *mobile phone* gie ritornat lill-Pulizija ghall-fini li jigi ritornat lil sidu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 31, 334(a), 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 7 u 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Joseph Scerri, fuq ammissjoni, hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi minn naha l-wahda l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-seduta tallum li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li l-oggett konsistenti f’ *mobile phone* gie ritornat lill-Pulizija ghall-fini li jigi ritornat lil sidu u minn naha l-ohra il-fedina penali xejn felici ta’ l-imputat, tikkundanna lill-imputat Joseph Scerri ghall-piena komplessiva ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------